TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 159/12/GZ

**Liliana Zammit**

**vs**

**Scholl Foothealth Centre**

Illum 16 ta' Jannar 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-9 ta' Lulju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' hamsa u sebghin Ewro (€75.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal par zarbun, liema zarbun tqatta' wara l-ewwel ftit drabi li ntlibes.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' ma attendietx ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija trid tigi kkompensata bi par zarbun iehor bhal ma kienet xtrat minghand is-socjeta' ntimata, jew li tinghata l-ammont ta' flus li hallset ghaz-zarbun.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Dan l-ilment ma giex milqugh minhabba li meta nxtara z-zarbun ma kienx mibrux, ghalhekk hija temmen li l l-gilda bdiet tinqala' wara li z-zarbun gie milqghut.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tal-bank statement minn fejn jirrizulta l-ammont ta' hamsa u sebghin Ewro (€75.00) li hija hallset ghaz-zarbun in kwistjoni.

Ir-rikorrenti ezebiet iz-zarbun in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li nnota l-girfa li tqaxxret fuq iz-zarbuna in kwistjoni, liema girfa hija evidenti mmens li giet ikkawzatha mill-uzu u mhux minhabba xi nuqqas fil-kwalita' tal-prodott, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**